**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**SKOLA MEDJA RABAT**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA**
**Frar 2017**

Marka

**Is-Seba'/It-Tmien Sena** **MALTI għall-BARRANIN** **Ħin: Sagħtejn**

**Isem: __________________________ Klassi: __________ Numru tar-reġistru: ______**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

***Il-Familja ta' Tony u Maria***



Tony u Maria kienu aħwa. Tony kellu għaxar snin u Maria kellha disa' snin. Missierhom kien jismu Alfred u ommhom kien jisimha Helen. Kienu joqgħodu f'dar kbira fi triq twila fir-Rabat. Il-faċċata tad-dar kienet safra u l-bieb ta' barra kien aħdar skur. Il-gallarija wkoll kienet ħadra skura.

F'dar kbira oħra fl-istess triq kienu joqgħodu z-ziju Leli, z-zija Rita u l-kuġini Anna u Sandra. Dawn kienu tewmin. Kienu jħobbu jmorru jilgħabu ma' Tony u Maria fil-ġnien kbir li kellhom fuq wara tad-dar tagħhom. Kienu jħobbu jilgħabu bil-ballun kannella li kellu Tony. Kultant kienu joqgħodu jiġru wara xulxin u jinħbew wara xi siġra tal-larinġ jew tal-lumi.

Fil-ġnien, Alfred kellu ħames għasafar kull wieħed f'gaġġa għalih. Il-gaġeġ kienu mdendlin fil-għoli. Il-qattus ta' Maria jrid jaqbadhom imma ma jilħaqx. Iħares 'il fuq lejn il-gaġeġ u jingħi. Il-kelb ta' Tony ma jħarisx lejn l-għasafar imma joqgħod jilgħab bil-ballun tat-tfal.

Omm Tony u Maria dejjem issajrilhom ikel tajjeb għas-saħħa. Tħobb issajjar soppa tal-ħaxix u titfa' fiha ftit għaġin irqiq. Spiss issajrilhom ħut differenti. Fil-platt mal-ħut tagħmlilhom tadama, ħjar, karrotti u patata. Fl-aħħar tagħtihom ukoll xi frotta bħal tuffieħa, larinġa, mandolina jew banana. Sandra l-aktar li tħobb il-kiwi. Dejjem jixorbu l-ilma u qatt ma jieħdu luminata.

Kultant iz-ziju Leli u z-zija Rita jmorru għand Alfred u Helen u jieklu kollha flimkien. Nhar ta' Ħadd joqgħodu fis-salott jaraw it-televixin kollha flimkien. Iħobbu jaraw programmi dwar l-annimali u n-natura.

**1. Wieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin billi timmarka ✓ ħdejn it-tajba.**

1. Tony u Maria kif jiġu minn xulxin? (marka 1)
   __ kuġini __ zijiet __ aħwa __ nanniet

2. X'jismu missier Maria? (marka 1)
   __ Leli __ Alfred __ Pawlu __ Karmenu

3. Fejn joqgħodu dawn iż-żewġ familji? (marka 1)
   __ fi flett __ f'villa __ f'lukanda __ f'dar kbira

4. Liema annimal kellha Anna? (marka 1)
   __ qattus __ kelb __ għasafar __ xejn

5. Xi programmi kienu jħobbu jaraw fuq it-televixin? (marka 1)
   __ dwar in-natura __ dwar ix-xjenza __ dwar l-ajrupani

**2. Wieġeb il-mistoqsija billi tkompli s-sentenza.**

1. L-erba' kuġini kif kienu jqattgħu l-ħin flimkien meta jiltaqgħu? (2 marki)
   Meta jiltaqgħu flimkien, l-erba' kuġini kienu ______________________

   ____________________________________________________________.

2. X'kienu jħobbu jieklu bħala l-ewwel platt? (2 marki)
   Bħala l-ewwel platt kienu ______________________________________

   ____________________________________________________________.

3. Il-mamà x'kienet iżżidilhom mal-platt tal-ħut? (2 marki)
   Fil-platt mal-ħut kien ikollhom ukoll ______________________________

   ____________________________________________________________.

4. Għaliex taħseb li kienu dejjem jixorbu ilma mhux luminata? (3 marki)
   Għaliex il-luminata fiha _________________________________________

   ____________________________________________________________.

**3. Daħħal il-kliem li jonqos fil-vojt skont dak li qrajt fis-silta.**

Alfred jiġi ______________ Tony u Maria u _____________ ta' Anna u Sandra. Kien iħobb iżomm _______________. Tony u Maria wkoll kellhom ____________ u _______________. Kienu jżommuhom fil-______________. Hemmhekk kellhom ukoll ħafna siġar tal-____________

u tal-__________. Fil-ġnien kienu joqgħodu _______________________ jew _________________________. Naħseb li l-kuġini kienu ______________ ħafna lil xulxin.

(11-il marka)

GRAMMATIKA

**1. Daħħal l-artiklu quddiem dawn in-nomi.** (5 marki)

1. ___ nanna
2. ___ platt
3. ___ frott
4. ___ soppa
5. ___ aħwa
6. ___ tewmin
7. ___ familja
8. ___ kelb
9. ___ għasfur
10. ___ ziju

**2. Daħħal *din, dan* jew *dawn* fil-vojt.** (5 marki)

1. ______ il-kuġini jħobbu ħafna lil xulxin.
2. ______ il-qattus ta' Maria veru mqareb.
3. ______ is-siġar kollha tal-frott.
4. ______ iz-zija tiegħi u toqgħod ir-Rabat.
5. ______ l-aktar programm li nħobb nara fuq it-televixin.

**3. Ikteb il-ħin skont l-arloġġ.** (10 marki)

1. Jien inqum  ___________________________________.

2. Nibda l-iskola  ________________________________.

3. Nasal lura d-dar  ______________________________.

4. Immur norqod  ________________________________.

5.  ____________________________ikun ħafna dlam.

**4. <u>Żid aġġettiv biex tiddeskrivi n-nom.</u>** (10 marki)

1. Il-weraq ikun ________________.
2. Fil-bnazzi s-sema jkun _________.
3. Missieri xtara karozza ___________ u ___________.
4. Fil-klassi għandna mejda ____________.
5. Ommi ssajjar ikel ___________ għas-saħħa.
6. Din il-libsa ______________ xtrathieli n-nanna .
7. Fil-basket ___________ għandi kaxxa __________ u ktieb _________.

**5. <u>Kompli dawn is-sentenzi biex timla l-linji kollha.</u>** (20 marka)

1. Kull nhar ta' Ħadd, jien u l-familja tiegħi _______________________________
   __________________________________________________________________.
2. Fid-dar taz-zija Carmen hemm ________________________________________
   __________________________________________________________________.
3. Jien inħobb niekol ________________________________________________
   __________________________________________________________________.
4. Kull nhar ta' Ġimgħa _______________________________________________
   __________________________________________________________________.
5. Fil-vaganzi tal-iskola jien u ħuti dejjem ____________________________
   __________________________________________________________________.